MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 6/2009

**Mary Carmen Sammut *nee'* Ellul [ID 879753] Philip Ellul [ID 622455M] Joseph Ellul [ID 764861M]**

**vs**

**Direttur ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors tat-rikorrenti li jghid hekk:

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' bicca art f'Hal Luqa tal-kejl ta' madwar disgha u hamsin metri kwadri (59m2) li tmiss mill-Majjistral mat-triq, mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Maria Giuseppa Brincat, u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Salvu Ellul jew irjieh verjuri, liema art giet mehuda mid-Direttur tal-Artijiet in forza ta' Avviz numru 546 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern datata 14 ta' Gunju 2007 ghax-xiri assolut bhala libera u franka;

Illi l-kumpens stabbilit mill-Perit Michael Schembri jammonta ghal sitt mija u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (Euro 698.81);

Illi l-kumpens indikat mid-Direttur tal-Artijiet mhuwiex ekwu u gust stante li l-esponenti akkwistaw art kontigwa ma dik mertu tar-rikors odjern ghall-prezz ta' cirka tmenin Euro (Euro80) kull metru kwadru;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu li dan l-Onorabbli Bord jiffissa l-kumpens dovut lilhom ghat-tehid forzat b'xiri assolut ta' bicca art f'Hal Luqa tal-kejl ta' madwar disgha u hamsin metri kwadri (59m2) li tmiss mill-Majjistral mat-triq, mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Maria Giuseppa Brincat, u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Salvu Ellul jew irjieh verjuri fl-ammont ta' erbat elef u seba' mitt Euro (Euro4,700) oltre l-imghaxijiet legali u dana a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta u dana taht kul ordni u direttiva illi l-Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur ta' l-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 13 ta' Frar, 2009 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur lilhom offrut mill-awtorita' kompetenti ta' sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (Euro698.91) ghax- iri assolut ta' bicca art f'Hal Luqa tal-kejl ta' madwar disgha u hamsin metri kwadri (59m2) li tmiss mill-Majjistral mat-triq, mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Maria Giuseppa Brincat, u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Salvu Ellul jew irjieh verjuri, liema art giet espproprijata permezz tal-Avviz tal-Gvern nurmu 546 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Gunju 2007

Illi r-rikors odjern gie ntavolat wara li r-rikorrenti Mary Carmen Saammut u Joseph Ellul gew notifikati fl-1 ta' Settembru 2009 u fid-29 t'Awissu 2008 rispettivament u r-rikorrenti Philip Ellul gie notifikat fis-26 ta' Jannar 2009 b'att gudizzjarju kif rikjest mill-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huma gew infurmati li huma kellhom wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika tal-att gudizzjarju sabiex jekk jidhrilkom, tikkontestaw l-ammont ta' kumpens fuq

imsemmi, jigifieri dak ta’ sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (Euro698.81)

Illi l-wiehed u ghoxrin (21) gurnata stabbiliti mill-artikolu 22(7) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-kaz tar-rikorrenti Mary Carmen Sammut u Joseph Ellul skadew fit-2 ta’ Settembru 2008 u ghalhekk ir-rikors odjern gie ntavolat tardivament u b’hekk huwa null u bla effett fil-konfront ta’ dawn iz-zewg rikorrenti u ghal din ir-raguni dan ir-rikors ghandu jitkompla biss fil-konfront tar-rikorrenti Philip Ellul.

Illi fil-konfront biss ta’ Mart Carmen Sammut u Joseph Ellul, fl-imsemmi att gudizzjarju r-rikorrenti kienu wkoll infurmati li “fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti taghhom il-kumpens offrut kif fuq imfisser, il-kumpens offrut jitqies li qieghed jigi accettat minnkom bhala l-valur gust tal-bicca art esproprijata ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.”

Illi l-esponent qieghed jibqa’ jsostni li l-kumpens gust ghall-bicca art fuq imsemmija huwa dak fuq citat, jigifieri l-ammont sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (Euro698.81) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Michael Schembri A&CE;

Ghaldaqsatant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jidikjara r-rikora tar-rikorrenti Mary Carmen Sammut u Joseph Ellul bhala null u bla effett u sabiex r-rikors odjern jitkompla biss fil-konfront ta’ Philip Ellul u ghalhekk  jiffissa l-ammont ta’ sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (Euro698.81) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-porzjon art fuq imsemmija.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Semgha lill-partijiet;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimat Direttur tal-Art fil-konfront tar-rikorrenti Mary Carmen Sammut nee’ Ellul u Philip Ellul;

Illi fl-eccezzjoni preliminari tieghu id-Direttur tal-Art jghid li l-intimati kienu notifikati separatment b'ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 22 u l-intimati kellhom zmien 21 jum sabiex jipprezentaw rikors quddiem dan il-Bord biex jghidu li ma jaqblux mal-ammont depozitat skond l-artikolu 22(3) rapprezentanti l-kumpens offert mill-Awtorita' ghall-espropriju. Jghid ukoll illi r-rikors promutur huwa wiehed, ipprezentat mit-tlett kopropretarji li kienu notifikati separatment bl-ittra ufficjali fuq riferita u fil-kaz ta' Mary Carmen Sammut nee' Ellul u Joseph Ellul, it-terminu ta' 21 jum skada fit-22 ta' Settembru 2008 u r-rikors taghhom kien prezentat fit-13 ta' Frar 2009;

Illi l-ittra ufficcjali esebita a fol 15 turi li kienet notifikata lil Mary Carmen Sammut fit-28 ta' Awissu 2008; lil Joseph Ellul fis-26 t'Awissu 2008 u lil Philip Ellul fis-26 ta' Jannar 2009 u dwar dan ma hemm l-ebda ekwivoku. Issa skond l-artikolu 22(7) tal-Kap 88, ir-rikors li bih is-sidien jistghu jadixxu lil dan il-Bord ghall-kumpens xieraq meta ma jaccettawx l-ammont depozitat bhala kumpens skond is-subartikolu (6), jista' jkun intavolat fi zmien 21 jum min notifika ta' att gudizjarju mill-awtorita' kompetenti. Wisq kjarament jirrizulta illi t-tnejn mir-rikorrenti ma rrispettawx dan it-terminu. Fl-att gudizzjarju esebit a fol. tal-process jirrizulta illi l-mittenti Direttur tal-Artijiet indika b'mod car taht liema dispost tal-ligi kien qieghed jintima lis-sidien esproprijati u inoltre iddedika paragrafu shih sabiex igib a konjizzjoni taghhom id-drittijiet proprji naxxenti mill-effett ta' dak l-att meta fit-tielet paragrafu iwissu is-segwenti:

"Illi ghaldaqstant id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed javzakom illi intom ghandkom wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika ta' dan l-att gudizzjarju sabiex, jekk hekk jidhrilkom, tikkontestaw l-ammont ta' kumpens fuq imsemmi, jigifieri dak ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (E698.81)";

Fis-sottomissjonijiet verbali maghmula mill-avukat difensur tar-rikorrenti, l-istess difensur jghid li t-terminu ta' 21 gurnata jibda' jiddekorri mill-ahhar notifika ta' wiehed mill-

partijiet ghaliex huma kienu sidien in solidum u ressaq bhala ezempju illi jekk wiehed minnhom ma jkunx notifikat, l-kawza qatt ma tista' tkun inizzjata. L-eccezzjoni preliminari tmur kontra l-principju tal-ekonomija tal-gudizzju. Dan l-argument izda huwa destinat li jfalli ghaliex l-att gudizzjarju kien registrat kontra tlett sidien b'notifika separata ghal kull sid. Id-Direttur tal-Artijiet ried illi jinnotifika lir-rikorrenti separatament u gustament indika l-indirizz ta' kull wahda minnhom fejn kellhom ikunu notifikati u dan in adempiment tal-artikolu 185 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedrua Civli. Il-Bord ghalhekk ma jsib ebda difett fl-att gudizjaraju li ta lok lir-rikorrenti jippromovu r-rikors taghhom izda dawn l-ahhar, senjatament Carmen Ellul u Joseph Ellul prezentaw ir-rikors taghhom tardivament.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u jiddikjara r-rikors promutur null u bla effett fil-konfront ta' Mary Carmen Sammut nee' Ellul u Joseph Ellul.

L-ispejjez dwar din l-eccezzjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in vista ta' cirkostanzi specjali tal-kaz.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------